# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

## IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 65

25 ta' Ottubru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Maria Concetta Scerri – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Victor Galea - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.36pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal onlajn jew ġie fuq il-post fil-ħin. Is-Sur Cordina offra t-talba għall-mara tal-Kunsillier

## 65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

65.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Bartolo kien jinsab imsiefer u għalhekk ġie skużat filwaqt li ma kienx hemm iktar ittri t'apoloġiji għax is-Sur Galea jaf jidħol għal-laqgħa iktar tard.

## 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

65.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 64 ġew approvati.

## 65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

65.3.1 Uffiċċini *ġodda tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina qal li fir-rigward tal-Uffiċċini twallu l-lampi tas-saqaf u l-plakkek. Il-madum lest kollu u l-bibien ordnati. Is-Sur Bonnici saqsa jekk il-post ikunx lest sal-aħħar tas-sena bis-Sindku jwieġeb li jekk ma jkunx sal-aħħar ikun bidu tas-sena d-dieħla.

65.3.2 *Ġnien l-Istazzjon*

Is-Sur Cordina qal li fir-rigward tal-Info Centre is-Segretarju Eżekuttiv qed taħdem ħafna u mingħajr l-input tagħha żgur ħafna xogħol ma telax. Qal li twaħħlu l-bibien tal-faċċata u waslet anke l-għamara Malta u qed tiġi armata fuq il-post. Din għandha titlesta sal-aħħar tax-xahar.

65.3.3 *Negozji ġo Ħ'Attard*

Is-Sur Cordina qal li kellu laqgħa man-negozjanti nteressati li jirreklamaw fuq it-Totem Stands flimkien mas-Sur Alex Mangion (Is-Sur Victor Galea ma setax jattendi). Inġabu prezzijiet differenti sabiex isiru dawn it-Totems u ġie spjegat il-proċess. Qal li tqassmu fuq 100 ittra imma b'dispjaċir jgħid li kien hemm interess minn 20 negozjanti imma ġew xi 6 biss minn *area* waħda. Hu qal li ġew biss minn l-area taċ-ċentru biss. Intbaghtu imejls lil dawk kollha li ġew u anka minn wera nteress imma m'attendiex.

Is-Sinjura Scerri saqsiet fuq x'hiex qed jitkellmu? Is-Sur Cordina reġa' spjega dak li ntqal fil-laqgħat preċedenti rigward ir-reklami li ntalbu li jsiru minn negozjanti fuq totem signs.

65.3.4 *Infrastructure Malta*

Is-Sur Cordina qal li kellhom laqgħa urġenti ma' Infrastructure Malta fuq xi tabelli li twaħħlu tan-No Entry mingħajr m'avzaw mill-ħadd. Qal li kien hemm persuna li qas setgħet toħrog mid-dar minħabba li kellha tabelli tan-No Entry madwar l-area tad-dar kollha. Hu qal li ma qagħdux lura milli juru d-diżapprovazzjoni tagħhom imma suppost l-affarijiet ħa jitranġaw u r-residenti jkunu iktar nfurmati b'dak li se jiġri. Hu kompla jgħid li damu fuq sagħtejn laqgħa magħhom. Is-Sur Bonnici saqsa min hu s-CEO bis-Sindku jirrispondi li s-CEO ġdid hu s-Sur Ivan Falzon.

## 65.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

65.4.1 Dr. Helen Caruana

- Saqsiet fuq l-arblu ta' wara l-Knisja li kellu l-wires mikxufin. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sa dakinhar ma kienu għadhom rċevew xejn.

65.4.2 John P. Bonnici

- Saqsa fuq dik it-triq li tagħti għal wied li saret fuq barra bil-konkos, ħabba s-sinjali tal-art li għadhom ma sarux. Is-Sur Cordina qal li dawk iridu jsiru minn Infrastructure Malta minħabba li hi triq primarju. Fir-rigward tal-bozoz maqtugħin qal li dawn għadhom ma jafux fejn jaslu l-konfini u jekk jaqawx taħt Ħ'Attard, Ħal-Qormi jew Ħaż-Zebbuġ u kien saħansitra daħal fiha d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.
- Saqsa fuq Triq il-Linja kif u għala waqaf ix-xogħol? Is-Sur Cordina qal li x-xogħol kompla u li kienu waqfu ħabba xi fdalijiet li nstabu li riedu clearance mingħand il-Heritage.

65.4.3 Connie Scerri

- Irrimarkat fuq Il-hedge li kibret ħafna u għandha bżonn tinġabar. Hemm bżonn żbir ta' siġar oħra wkoll fl-istess Ġardina Frans Dingli.

65.4.4 Alex Mangion

- Saqsa fuq il-briġġ ta' Wied Irmiedi meta ħa jitkompla. Is-Sur Cordina qal li dan se jitkompla kif jitlesta x-xogħol ta' Triq Alfred Camillieri u Triq il-Linja.
- Saqsa fuq is-sitwazzjoni ta' toroq lejn Misraħ Kola u liema toroq se jingħalqu. Is-Sur Cordina qal li issa se jiftehmu ma' Infrastructure Malta sabiex jintbagħtu xi pjanti dwar kif ġejja Victor Vassallo imma kif jitkompla x-xogħol imma kif jitkompla x-xogħol jimmaġina li se jkun hemm ftit tgerfix.

65.4.5 Silvio Brincat

- Saqsa u kkonferma fuq Triq il-Linja li x-xogħol qed jitkompla.

- Saqsa jekk kienx hemm żvilupp fuq is-sit tal-Farenheit. Is-Sur Cordina qal li l-Perit ikkomunika mal-Perit tal-kumpanija u tella' letter of representation fuq is-sit tal-PA.
- Qal li qed jgħaddu ħafna vetturi minn Triq Dun Mikiel Xerri b'veloċità qawwija u ħafna mid-drabi qed jolqtulhom il-vetturi pparkjati, apparti li l-vetturi pparkjati żdiedu minħabba karozzi tal-Y Plate li suppost ma jorqdux barra imma li kulħadd iħalli barra. Is-Sur Cordina qal li f'din it-triq ir-residenti oġġezzjonaw tliet darbiet li jsiru sleeping policeman u l-istess resident li talbuhom oġġezzjonaw li jsiru quddiem biebhom. Ovvjament qed isir kollox min-naħa tal-Kunsill u jekk jerġgħu jitolbuhom, terġa ssir l-istess proċedura mill-bidu sabiex jekk jaċċettawhom issir l-applikazzjoni ma' TM.

65.4.6 Giorgio Schembri

- Qal li ma qadux lura milli jwasslu tħassib tal-Kunsill fuq is-sitwazzjoni tax-xogħolijiet u l-andament tagħhom. Il-Perit Schembri qal li mhux għax iridu jsiru t-toroq imma l-mod kif isiru hu kruċjali u għandu jkun hemm maniġjar tajjeb fuq ix-xogħolijiet. Hu kompla jgħid li hu u s-Sindku saħqu fuq l-immaniġġjar tat-toroq u vera li IM għaddiet *Traffic Management Plan* imma żgur ma jistax ikun proġett jibda u Alla biss jaf meta jispiċċa, apparti li trid tħares lejn l-area bħalha area sħiħa u mhux balla toroq magħluqin bl-addoċċ. Kompla jgħid li kien hemm problemi oħrajn imma d-dewmien u l-mod kif qed isiru, it-trabijiet, jibdew banda u jkomplu oħra mhux aċċettabli. U wassal dak li ntqal għall-informazzjoni tal-Kunsill u biex jekk ikun hemm bżonn isiru iktar laqgħat ukoll.

L-Avukat Brincat qal li xtaq jgħaddi l-aħħar kumment fuq l-invit tas-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali f'Dar il-Mediterran. Is-Sur Cordina qal li qed jipprova jistħarreġ biex jara x'se jkun hemm imma jħoss li m'għandux jattendi għal dawn l-attivitajiet u dan bl-ebda disrispett lejn l-Onorevoli Segretarju Parlamentari. Hu qal li prova jattendi kull attivtà li kien hemm imma ma jħossx li għandu jiċċelebra 30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali u dan għal mod kif qed jiġu stmati. Qal li llum il-ġurnata lanqas kuntrattur ma tista tkellem u jekk trid tibdel ħin ta' ġabra jista' jgħidlek le kif ġara. Hu kompla jgħid li ma jħossx li għandu jmur joqgħod iċapċap u jgħid grazzi wara dawk id-daqqiet li jaqla' fl-istonku. Bħalha rappreżentanti ta' Ħ'Attard u l-Kunsill biss jaf x'għandhom bżonn ir-residenti. Qal li l-ideja ta' Kunsilli Lokali kienet waħda sabiħa imma ma jidhirlux li hemm ġvernijiet lokali jaħdmu kif suppost u din saret xi ħaġa komuni li qed tingħad minn bosta Kunsilli Lokali għaż-żewġ partiti għax il-problemi ta' 30 sena ilu għadhom hemm sal-lum. Hu spiċċa billi qal li fejn kien hemm tal-AKL laqgħat tas-Sindki li kienu fid-dover tiegħu marrom kollha imma riċevimenti ma mar imkien.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sejra u jekk ikun hemm biżżejjed persuni mill-Kunsill li jixtiequ jmorru jorganiżżaw van avolja hi xorta bil-vettura tagħha sejra.

## 65.5 Rapporti – Approvazzjoni Rapport t'Aġġudikazzjoni Tenders

65.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bieraħ iltaqgħu biex jaġgudikaw żewġ tenders. Qalet li mxew u għamlu progress fuq it-tender tal-ġonna imma din ma kienx possibbli tingħalaq minħabba clarifications/rectifications meħtieġa. Għal kuntrarju it-tender l-oħra ġiet magħluqa u peress li kienet sole bid wara li l-kumpanija Yama Yami Limited instabet eliġibbli se jiġu mitluba

jintbagħtu dokumentazzjoni tax-xufier.  Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan jista' jkun kull xufier minħabba li qed jinxtara s-servizz u jekk ikun ma jiflaħx jista' jinbidel ukoll.

Dan ir-rapport ġie approvat.

## 65.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

65.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtaqet twassal suġġeriment li dalgħodu hi u l-istaff iddiskutew bejniethom forsi fl-1 ta' Diċembru biex tinxtegħel is-siġra tal-Milied issir attività żgħira fil-Pjazza u jqassmu mulled wine, xi qagħaq tal-għasel, ikun hemm daqq tipiku tal-Milied. Tibda xi 7pm u tkun għall-kulħadd.  Hi qalet li din l-attività bdiet minn ħolma żgħira tas-Sinjura Karen Fsadni.

## 65.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

65.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din iċ-ċedola qed tiġi approvata bil-premessa li kif tidħol l-allokażżjoni jitħallas kulħadd.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet xi mistoqsijiet rigward pagamenti fuq l-għamara ta' Bukan Yapi. Hi qalet li l-VAT fuq l-għamara biex toħroġ mid-Dwana kellha titħallas kollha.  Tħallas ukoll l-ammont tal-Pre-Financing Guarantee li minħabba li fl-ERDF is-sular ta' fuq hu ineliġġibli, dan irid jitħallas kollu mill-fondi tal-Kunsill.  Hi qalet li l-ikbar spiża hi dik tal-għamara ta' fuq .

Proponent: Avukat Helen Caruana  Sekondant: John P. Bonnici

L-iskeda ġiet approvata.

## 65.8 Mozzjonijiet; u

65.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 65.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

65.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.11pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Novembru 2023 fis-5.30pm liema ġurnata kellha tinbidel minħabba ċirkustanzi mhux fil-kontroll tal-Kunsill.

Konfermati, illum 30  ta' Novembru 2023.

Stefan Cordina
Sindku

Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv